MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Numru. 831/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Joseph Zahra**

Kumpilazjoni Nru: 831/2008

Illum 12 ta’ Marzu, 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imsemmi Joseph Zahra, bin il-mejtin Joseph u Anna nee’ Cutajar, imwieled Birzebbuga fis-06 ta’ April, 1953, li joqghod House 2 Block 5, Officer’s Mess, Hal Far u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 293553M.

Akkuzat talli fit-2 ta’ Settembru 2008 u fil-granet u x-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin, f’ hinijiet different fil-

gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b'rezoluzjoni wahda u dana bi ksur ta'l-artikolu 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Akkuzat talli fl-10 ta' Awissu 2008 ghal habta tal-16:30hrs fl-inhawi vicin tal-OIWAS Open Centre, Triq Hal Far, limiti ta' Birzebbuga:
1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBD882, liema ammont ta' hsara jkun izjed minn elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) ghad-detriment ta' Anuska Borg Falzon.

U akkuzat ukoll talli fit-30 ta' Awissu 2008 ghal habta ta' 12:00hrs fil-vicinanzi tal-OIWAS Open Centre, Triq Hal Far, limiti ta' Birzebbuga:
2. Offenda l-pudur jew morali b'ghemil li ghamel f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi imbotta lil Miriam Ahmed Ali (66HH005) fit-triq biex iweggaha jew jinsultha;
4. U aktar talli matul l-ahhar xhur f'diversi mkejjen fil-gzejjer Maltin, gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Rahama Mohamed Ali u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija Rahama Mohamed Ali (06HH02);
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, igieghel, bl-awtorità tieghu nnifsu, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew ihott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jiehu l-ilma ghalih, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor.

Akkuzat ukoll talli fit-30 ta' Awissu 2008 ghal habta tal-15:00hrs fi Triq Hal Far, limiti ta' Birzebbuga:
6. Ingurja, jew hedded jew ghamel offiza fuq PS1602 Marco Mifsud u PC589 Etienne Grima, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew

bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b’tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza;
8. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS1602 Marco Mifsud u PC589 Etienne Grima, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;
9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi vjolenza jew b’theddid gieghel ufficjal pubbliku jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu;
10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;
11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, glied jew mod iehor, u talli qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku.

Akkuzat ukoll talli fit-2 ta’ Settembru 2008 u fil-granet ta’ qabel f’ diversi hinijiet tal-gurnata fl-inhawi vicin tal-OIWAS Open Centre, Triq Hal Far, limiti ta’ Birzebbuga:
12. Bil-hsieb li jaghmel ferita ta’ natura gravi fuq diversi persuni, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta’ l-istess persuni bil-vettura ta’ l-ghamla Volvo bin-numru ta’ registrazjoni HAA416, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ tieghu;
13. U aktar talli fit-2 ta’ Settembru u fil-granet ta’ qabel gab ruhu b’tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b’tali mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza;

14. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-persuna ta' Miriam Ahmed Ali (06HH-005) b'arma tan-nar;
15. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm fil-pusses tieghu arma tan-nar u munizjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
16. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru ta' registrazjoni HAA416 tal-ghamla Volvo b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;
17. U aktar talli saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAA416 tal-ghamla Volvo minghajr licenzja tas-sewqan, kif ukoll il-vettura ma' kenitx licenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq u mhux inxurjata ghal terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma' l-imputat li huwa ricediv u dan wara li instab hati mill-Qorti tal-Magistrati Malta b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Anuska Borg Falzon, PS1602 Marco Mifsud u PC589 Etienne Grima u Rahama Mohamed Ali (06HH02) u Miriam Ahmed Ali (06HH-005).

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 85, 91, 95, 96, 209, 216, 251A, 251B, 325(1)(a), 338(dd), 338(ee), u 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi fil-konfront ta'l-imputat ingiebu diversi imputazzjonijiet li huma relatati ma' diversi incidenti li sehhew bejn l-10 ta' Awissu 2008 u t-2 ta' Settembru 2008 u anke fil-gimghat ta' qabel dawn id-dati; dawn l-incidenti jikkoncernaw diversi persuni.

Illi l-ewwel imputazzjoni tirrigwarda incident li sehh f'l-10 ta' Awissu 2008 meta l-vettura b'numru ta' registrazzjoni GBD 882, propjeta ta' Anuska Borg Falzon, garrbet hsarat f'ammont li jeccedi elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Illi dwar din l-imputazzjoni u mid-depozizzjoni tal-parte civile Anuska Borg Falzon jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni l-vettura taghha fuq imsemmija kienet ipparkjata hdejn l-OIWAS Open Centre ta'Hal Far. Din kienet l-ewwel darba li Borg Falzon marret l-Open Centre, hi kienet mal-partner taghha; hdejn il-vettura taghha kien hemm almenu vettura ohra ipparkjata. F'xi hin mar xi hadd jghidilha biex iccaqlaq il-vettura; ma hargitax hi imma l-partner taghha. Meta rritorna rrakkontalha li kien hemm ragel hdejn il-vettura b'habel f'idejh li beda jghajjat u jkellmu hazin. Meta mbaghad ghal habta ta' l-16.30hrs telqu, marru ghall-karozza u Borg Falzon indunat li l-vettura kellha daqqiet u grif fuq il-bonnet, f'zewg mudguards, u fil-bieba tal-passiggier. L-ghada marret l-ghassa taghmel rapport[1] u dak in-nhar stess (li ghamlet ir-rapport) hadet il-vettura d-depot tal-pulizija biex hemm saru ezami forensici fuq il-vettura; ittiehdu r-ritratti u gew elevati xi mpronti li gew nstabu fuq il-vettura[2]. Borg Falzon gabet stiema tal-hsarat li jammontaw ghal tmien mija disgha u hamsin Euro (€859) u ghaddiet din l-istima lill-pulizija.

Illi l-avveniment in kwantu jirrigwardaw lil din il-persuna ma waqfux hawn. Il-gimgha ta' wara, nhar is-17 ta' Awissu 2008, Borg Falzon regghet marret l-OIWAS Open Centre u pparkjat il-karrozza taghha f'post differenti pero dak in-nhar ukoll mar xi hadd jitlobha tmur tnehhi l-vettura. Harget u sabet lill-imputat go vettura ta' tip FIAT Punto

[1] Ref rapport esebiet bhala Dok GG1 a fol 59.
[2] Ref rapport ta' PC46 Charlot Casha esebiet a fol 158 li mieghu hemm annessi r-ritratti u l-*lifters*.

hadra, hu beda jkelliema hazin u qallha li "l-gimgha l-ohra ghamiltlek erbgha daqqiet din il-darba neqridhielek"[3]. Hi ma qalet xejn, telqghet minn hemm u regghet marret l-ghassa u ghamlet rapport ta' dan l-incident ukoll[4].

Illi kien hemm okkazzjoni ohra meta Borg Falzon marret l-OIWAS Open Centre; dan kien f'l-20 ta' Awissu 2008. Dak in-nhar hija bezghet tidhol bil-karozza taghha, ipparkjat barra u dahlet bil-mixi. Hekk kif kienet diehla kien hemm l-imputat, dan malli nduna biha beda miexi lejha. Hi ghalhekk daret biex tghaddi minn x'imkien iehor u rat guvni li ma kenitx tafu u staqsitu biex juriha minn fejn setghet tghaddi; dan il-guvni hekk ghamel. L-imputat lahaqhom beda jghati bil-ponn fuq bieb ta'l-injam u staqsiha jekk marritx taghmel rapport fuqu u anke qalla "issa qed issibuni kalm imma darb'ohra ma nafx x'naghmel"[5]. Dan il-guvni wassal lil Borg Falzon fejn riedet tmur u hi marret tkellem lil persuna inkarigata mill-Open Centre (Mario Camilleri) u wara baqghet sejra l-ghassa tal-Pulizija. Dak kollu li qalet Borg Falzon dwar dan l-ahhar episodju huwa korroborat mix-xhieda ta' Mark Pellicano, il-guvni li hija rat u li marret ghandu ghall-ghajnuna.

Illi l-imputat fid-depozizzjoni tieghu jichad li huwa ghamel hsara f'din il-vettura u li huwa qatt ra jew kellem lil Borg Falzon. Huwa fil-fatt jghid b'mod emfatiku hafna li huwa lil Borg Falzon "ma kellimtha qatt, ma rajtha qatt u ma nafx min hi"[6]

Illi kif diga ntqal l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik li kkawza hsara volontarja fil-vettura ta' Anuska Borg Falzon f'ammont li jeccedi €1164.69.

Illi li l-vettura garrbet hsarat jirrizulta hekk kif jirrizulta li l-ammont ta' danni huwa €859, u mhux ta' aktar minn €1164.69 kif indikat f'l-imputazzjoni.

---

[3] Depozizzjoni ta' Borg Falzon a fol 93.
[4] Ref rapport esebiet bhala Dok MM1 a fol 104.
[5] Ref depozizzjoni ta' Borg Falzon a fol 93/94 u r-rapport lill-pulizija Dok MM1 a fol 104.
[6] Ref depozizzjoni ta' Joseph Zahra a fol 205.

Illi f'l-10 ta' Awissu 2008 cioe fil-gurnata meta l-vettura garbet hsarat Borg Falzon ma ratux lill-imputat u ma kellha l-ebda kuntatt mieghu; lanqas kienet hi li marret iccaqlaq il-vettura.

Illi mill-ezami komparattivi li saru mill-espert nominat minn din il-Qorti, Joseph Mallia, jirrizulta li wahda mill-impronti li nstabet fuq il-vettura in kwistjoni kienet propju ta'l-imputat. Din kienet l-impronta tal-pala tal-id li giet elevata min-naha ta' barra tal-hgiega tal-bieba ta' wara.

Illi l-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija ben stabbillita. Kif qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali:
*l-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – circumstantial evidence … … il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku, l-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata*[7].

Illi f'dan il-kaz kwotat, li kien wiehed ta' serq, il-kwistjoni kienet tirrivolvi dwar x'piz probatorju kellha impronta li nstabet f'post pubbliku u jekk kienx mehtieg korroborazzjoni ghas-sejbin ta' htija. Fil-waqt li fil-kaz odjern ic-cirkostanzi huma differenti l-principju jibqa l-istess u cioe li l-impronta, u fejn instabet, huma prova indizzjarja li jridu jigu kkunsidrati fil-kumpless kollu tal-provi prodotti.

Illi minn dan il-kumpless tal-provi jirrizultaw fatti ohra inkluz l-ammissjoni ta'l-istess imputat ma' Borg Falzon li hu "ghamlilha erbgha daqqiet" fil-vettura. L-imputat jinnega li qal dan id-diskors; fil-fatt huwa jghid li lill Borg Falzon qatt ma ra u qatt ma kelliema.

---
[7] Ref  Pulizija vs Noel Fendo deciza 30.12.2004.

Illi f’dan il-kuntest l-Qorti ghandha tirrileva li l-imputat gie skredietat f’din l-asserzjoni tieghu ghaliex Mark Pellicano kkonferma li fil-prezenza tieghu l-imputat kelliemha lil Borg Falzon. In oltre Anuska Borg Falzon kienet xhud kredibbli ghall-ahhar, konsistenti f’dak li tghid kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll f’dak li qalet lill-pulizija. L-istess certament ma jistax jinghad fil-konfront ta’l-imputat.

Illi tenut kont tal-provi kollha prodotti f’dan ir-rigward l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazjoni giet pruvata b’dan pero li l-ammont ta’ hsara huwa €859 u konsegwentement jissussisti r-reat ipotizzat f’l-artikolu 325(1)(b).

Ikkunsidrat

Illi s-sitt sal-hdax il-imputazzjoni jirrigwardaw incident li sehh nhar it-30 ta’ Awissu 2008 ghal habta ta’l-15.00hrs fl-vicinanzi ta’ l-OIWAS Open Centre.

Illi mid-depozizzjoni ta’ PS1602 Marco Mifsud u PC589 Etienne Grima jirrizulta li dawn iz-zewg pulizija marru fil-post in kwistjoni wara rapport li l-imputat kien qed jostakola l-hrug mill-, u d-dhul ghall-, Open Centre. Malli waslu kien hemm grupp zghir ta’ immigrati, fosthom nisa u tfal, li bdew jallegaw li Zahra beda jaghmel ghalihom b’injama u li kien qed jhedded li ser jahraqhom bil-lejl. Il-pulizija marru fuq Zahra, li kien hdejn wahda mill-vetturi tieghu, biex ikellmuh pero hu kien arroganti maghhom, beda jghid kliem ta’ theddied fil-konfront ta’ l-immigrati fis-sens li kien ser jahraq l-Open Centre. Il-pulizija pruvaw jikkalmawh pero inutilment, beda jidghi u jinsolenta lis-surgent u lill-pulizija in generali u anke qal kliem ta’ theddied fil-konfornt ta’ PC589 Etienne Grima; Zahra anke qal li ser igib is-senter u jisparalhom. F’dawn ic-cirkostanzi huma ddecidew li ma kellhomx triq ohra hlif li jarrestawh.

Illi hekk kif is-surgent resaq biex jesegwixxi l-arrest Zahra dahla fil-karozza, qabad injama u beda jaghti biha u bis-sieq. Malli ra hekk PC 589 Etienne Grima li kien xi pass wara s-surgent warrab lis-surgent u uza l-pepper spray. Meta ntuza l-pepper spary l-imputat aktar irvella, hareg

mill-karozza u baqa jghati b'l-injama; iz-zewg pulizija pruvaw jaqbduh fizikamnet pero minhabba li kien zaqqu barra u kien gharqan hafna zelqilhom u harab ghar-residenza tieghu. Il-Pulizija setghu jaslu biss sal-grada tal-gnien ghaliex l-imputat ihalli klieb kbar li jimpedixxu lil kwalunkwe persuna milli tavvicina l-bieb tad-dar.

Illi dwar dan l-incident l-imputat jghid li dak in-nhar hu u ibnu ghamlu gurnata barra, kienu qeghdin l-ghalqa jiziraw il-patata, u marru lura d-dar ghal habta tas-14.20hrs. Malli waslu d-dar gew il-pulizija, bin l-imputat pero ma baqax ma' missieru biex jara x'ridu l-pulizija; anzi kien propju l-imputat li qallu "mur 'l gewwa biex ma jkollokx kwistjonijiet"[8]. L-imputat ikompli jghid li l-pulizija malli mar fuqu qallu "int qed issuq fuq in-nies?" u qabad jitfa' l-pepper spray. Malli tefaw il-pepper spary l-imputat dahal gewwa f'daru. Huwa jichad li b'xi mod agredixxa lill-pulizija, jew li rrezista l-arrest, jew li qal xi kliem iehor lill-pulizija.

Illi anke hawn il-fatti jiskreditawh lill-imputat. Huwa jallega li l-pulizija marru jkellmuh ghax saq fuq in-nies. Rapport dwar incident li jikkoncerna sewqan fuq in-nies sar lill-pulizija fit-2 ta' Settembru 2008[9] ghalhekk il-pulizija ma setghux jmorru jkellmu lill-imputat fuq dan ir-rapport fit-30 ta' Awissu 2008 cioe jumejn qabel ma sar ir-rapport u gurnata qabel l-incident innifsu. Inoltre huwa jghid li pulizija kien hemm tlieta; dan ma jirrizulta minn imkien, lanqas mir-rapport ufficjali. Huwa minnu li eventwalment, fuq talba ghall-assistenza, waslu zewg pulizija mill-mobile squad pero meta dawn waslu l-imputat kien diga lahaq dahal gewwa u zgur ma kenux qed jakkompanjaw lill-pulizija tad-distrett meta dawn l-ewwel marru fuq il-post.

Illi l-imputat ressaq bhala xhud lill ibnu Joseph f'tentattiv li jikkorroborah. Il-Qorti pero, wara li kellha l-opportunita tara l-komportament ta'dan ix-xhud waqt id-depozizzjoni tieghu, kif ukoll il-mod kif beda jirrispondi l-mistoqsjijiet li kienu qed isirulu u l-kontenut tat-twegibiet, tikkunsidrah

---

[8] Ref depozizzjoni ta'l-imputat a fol 212.
[9] Ref rapport esebiet bhala Dok MM3 a fol 109.

bhala xhud assolutament inkredibbli u ma tista' taghti l-ebda valur probatorju lid-depozizzjoni tieghu.

Illi minn ezami tal-provi prodotti rigwardanti dan l-incident il-Qorti hija sodisfatta li jirrizultaw pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi s-sitt sal-hdax il-imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra jikkoncernaw incident li sehh nhar it-30 ta' Awissu 2008 ghall-habta ta'l-12.00hrs (it-tieni u t-tielet imputazzjoni) u incidenti ohra li sehhew fit-2 ta' Settembru 2008 u fil-granet ta' qabel.

Illi dwar l-incident li sehh nhar it-30 ta' Awissu 2008 ghall-habta ta'l-12.00hrs xehdu Rahama Mohammed Ali (li ghandha hmistax il-sena), Miriam Ahmed Ali (li tigi omm Rahama) u Hawlija Chama. Jirrizulta mid-depozizzjoni taghhom li huma hargu hdejn il-bieb tad-dar fejn joqghodu; huma ma hargux flimkien, l-ewwel harget Miriam, wara Rahama u mbaghad Hawlija. L-imputat kien qieghed barra man-naha l-ohra tat-triq hdejn karozza tieghu. Ix-xhieda jghidu li kull ma kien liebes l-imputat kien qalziet ta' taht zghir. Meta harget Rahama hu resaq lejha beda jmiss il-parti privata tieghu, qallha "ejja ha nahxik" u anke nizzel il-qalziet li kien liebes. Hija meta rat u semghat hekk dahlet 'l gewwa u warajha dahlu l-persuni l-ohra li kien hemm barra.

Illi l-imputat fid-depozizzjoni tieghu jghid li ma jistax ikun li sehh dan l-incident ghaliex hu dak il-hin kien l-ghalqa ma' ibnu u kien biss ghall-habta tas-14.30hrs li waslu lura u cioe meta inqala l-incident mal-pulizija fuq imsemmi. Huwa fil-fatt jichad li qatt sehh incident bhal dan.

Illi bin l-imputat xehed dwar dan ukoll u qal li dak in-nhar filghodu huwa kien l-ghalqa ma' missieru, pero kif diga intqal l-Qorti ma tista' tghati l-ebda valur probatorju lid-depozizzjoni ta' Joseph Zahra bin l-imputat.

Illi dwar dak li qal l-imputat, hawn ukoll huwa giddeb lilu nnifsu. F'l-ewwel parti tad-depozizzjoni tieghu, u f'tentattiv

li jikkonvinci lill-Qorti kemm qed isoffri danni minhabba li t-talbiet tieghu ghall-helsien mill-arrest ma gewx milqugha, jghid li huwa bil-fors irid imur personalment il-Belt, kuljum Sibtijiet u Hdud inkluzi, u ma jistax ifalli gurnata[10] u jghid ukoll li gieli jdum gurnata shiha hemm jipprova jqassam ix-xoghol. Huwa ried jikkonvinci lill-Qorti li hu kuljum imur l-Belt u ma jistax ifalli mqar gurnata wahda u ma jista jiddelega dan ix-xoghol lil hadd. L-imputat jghid ukoll lejn l-ahhar tad-depozizzjoni li fit-30 ta’ Awissu qabel ma gew il-pulizija u nqala l-incident imsemmi aktar ‘l fuq huwa mar jiffirma l-ghassa (huwa ghandu l-obbligu li jiffirma l-ghassa)[11]. Pero huwa jghid ukoll li fit-30 ta’ Awissu ghamel gurnata l-ghalqa ma ibnu jiziraw il-patata. Jidher li l-verzjoni ta’l-imputat dwar x’ghamel fit-30 ta’ Awissu 2008 tvarja skond ic-cirkostanzi u skond dak li huwa jkun qed jipprova jikkonvinci lill-Qorti fil-mument partikolari.

Illi ta’ min wiehed jirrileva ukoll li fid-depozizzjonijiet li taw Rahama Mohammed Ali, Miriam Ahmed Ali u Hawlija Chama ukoll hemm xi inkonsistenzi: dwar in-numru ta’ persuni li kien hemm barra, dwar jekk kienx hemm diskors bejn l-imputat u l-persuni li kien hemm barra qabel harget Rahama u anke dwar ir-reazzjoni taghhom ghal dak li ghamel Zahra.

Illi l-Qorti pero ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-problema li kien hemm biex dawn il-persuni jikkomunikaw meta kienu qed jaghtu d-depozizzjoni taghhom, il-fatt li huma (minbarra Rahama) hlif xi ftit kliem ma jafux bil-Malti u li ghalhekk ma kenux jafu x’inhu jghidilhom l-imputat fil-gurnata in kwistjoni.

Illi tenut kont ta’ dan, tenut kont tac-cirkostanzi kollha kif fuq spjegati l-Qorti hija sodisfatta li meta l-imputat kien qieghed barra hdejn il-bieb tad-dar fejn joqghodu dawn it-tlett persuni hawn fuq imsemmija huwa ghamel dik il-mossa b’idejh. In oltre l-agir tieghu jikkostitwixxi att tali li *jnissel jew jista jnissel “un senso di disagio, disgusto o*

[10] Ref depozizzjoni a fol 197/198
[11] Ref depozizzjoni a fol 217 il-paragrafu ta’ qabel ta’l-ahhar.

*ripulsione"*[12] u cioe att li joffendi il-pudur jew il-morali. Konsegwentement it-tieni imputazzjoni hija pruvata.

Ikkunsidrat

Illi bil-mod kif inhi mpostata t-tielet imputazzjoni jidher li qed tirreferi ghall-atti li sehhew ukoll fit-30 ta' Awissu 2008 ghal habta ta'l-12.00hrs.

Illi mid-depozizzjoni ta' Miriam Ahmed Ali jirrizulta li kien hemm okkazzjoni meta l-imputat hatafha u mbottaha. Pero mill-atti minn imkien ma jirrizulta li dan gara fit-30 ta' Awissu 2008, anzi l-mod kif inghatat id-depozizzjoni[13] jidher li dan l-incident sehh propju f'data differenti minn dik hawn fuq imsemmi.

Illi la darba din it-tielet imputazzjoni tirreferi specifikatament ghat-30 ta' Awissu u ma jirrizultax li fit-30 ta' Awissu gara xi incident simili din it-tielet imputazzjoni, kif impostata, ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi r-raba imputazzjoni hija dik li matul l-ahhar xhur qabel id-9 ta' Settembru 2008 l-imputat ta fastidju lil Rahama Mohammed Ali u/jew gab ruhu b'mod li messu kien jaf li ser ikun ta' fastidju ghal l-istess Rahama Mohammed Ali.

Illi mid-depozizzjoni ta' Rahama Mohammed Ali ma jirrizultax li kien hemm xi episodju iehor apparti dak fuq imsemmi (u li huwa l-mertu tat-tieni imputazzjoni) li jikkoncerna lilha b'mod partikolari.

Illi l-imputazzjoni in ezami hija dik prospettata f'l-artikolu 251A tal-Kap 9 u tirreferi ghall-fastidju – *harressment* fit-test Ingliz, li huwa definit bhala *words, conduct or action (usually repeated or persistent) that being directed at a specific person annoys, alarms or causes substantial*

[12] Ref Pulizija vs Michael Borg Appell Kriminali deciz 10.09.07
[13] Ref depozizzjoni a fol 120.

*emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*[14].

Illi gie ritenut li dak li qed jiprojbixxi dan l-artikolu huwa *kull tip ta' agir kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ngusta*[15].

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti mhiex sodisfatta li l-agir ta'l-imputat in kwantu ghamel dawk il-gesti (u li huma mertu tat-tieni imputazzjoni) jikkostitwixxi l-elementi rikjesti biex jissussisti ukoll ir-reat ipotizzat taht l-artikolu 251A tal-Kap 9.

Ikkunsidrat

Illi l-hames imputazzjoni tirreferi ghal ragjon fattasi ezercitata mill-imputat fix-xhur qabel id-9 ta' Settembru 2008.

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li biex jissussisti dan ir-reat ghandhom jigu pruvati s-segwenti elementi tieghu, u cioe:

a. att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li jkun qieghed igwadi, liema att ikun esegwiet kontra l-opozzizzjoni, espressa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor;

b. il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizju ta' dritt;

c. il-koxjenza f'l-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta'l-awtorita pubblika.[16]

Illi pero minn imkien mill-atti ma jirrizulta xi att estern ta'l-imputat li permezz tieghu xi terza peruna giet spoljata mid-dgawdija ta' xi haga. Konsegwentement din l-imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

---

[14] Ref Black's Law Dictionary kwotat fis-sentenza Pulizija vs Massimo Tivisini Appell Kriminali deciz 27.02.09.

[15] Ref Polizija vs Alan Caruana Carabez Appell Kriminali deciz 21.06.07.

[16] Ref Pulizija vs Spiro Bartolo Appell Kriminali deciz 09.01.06.

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront ta'l-imputat u cioe mit-tnax sas-sbatax il-imputazzjoni jikkoncernaw diversi episodji li sehhew fit-2 ta' Settembru 2008 u fix-xhur ta' qabel.

Illi mid-depozizzjoni ta' Nimo Aden Ali jirrizulta li kien hemm okkkazzjoni meta hija, flimkien mat-tarbija taghha, kienet qeghda barra hdejn lil-bieb tad-dar fejn joqghodu, u l-imputat saq fid-direzzjoni taghhom b'velocita qawwija tant li hija kellha tidhol tigri 'l gewwa. Dan l-episodju kienet prezenti ghalih ukoll Rahama Mohammed Ali li tat ftit aktar dettalji ta' dan l-incident.

Illi jirrizulta li ftit qabel l-imputat ghadda minn hemm u qal lill Nimo Aden fil-prezenza ta' Rahama li jekk mhux ser titlaq ser joqtol lilha u lit-tarbija. Huma baqaw hemm u ftit wara gie l-imputat bil-karozza "it-twila" isuq b'velocita fid-direzzjoni ta' Nimo Aden u t-tarbija taghha.

Illi dwar il-mod kif tiddeskrivi l-vettura Rahama Mohammed Ali hija relevanti s-segwenti osservazzjoni. Mill-varji depozizzjoniijiet mghoti jirrizulta li l-imputat zgur ghandu zewg vetturi, wahda hadra u hija FIAT Punto u l-ohra Volvo ta' kulur gold. Meta Rahama Mohammed Ali iddeskrivit il-vettura bhala "twila" dan ghamlitu b'paragun mal-vettura l-ohra, coie il-FIAT li hija izghar mill-Volvo. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-vettura in kwistjoni u li l-imputat kien qed isuq dak in-nhar kienet il-Volvo.

Illi mid-depozizzjoni ta' Hawlija Chama jirrizulta li kien hemm incident fejn l-imputat ha barmil propjeta taghha u meta talbitulhu lura huwa beda jolqotha bih f'riglejha; l-imputat kien anke jkellimha hazin. Hi tghid ukoll li l-imputat jarmi jew iqatta l-hwejjeg li hi u l-immigrati l-ohrajn ikollhm minxurin, hekk kif tghid li gieli rat lill-imputat isuq.

Illi mid-depozizzjoni ta' Miriam Ahmed Ali jirrizulta li huwa heddiedha li ser jahraqha u dan billi ghamillha mossa bil-petrol li kellu hdejh. Din ix-xhud tghid ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn hatafha u mbuttha u li l-imputat

jinsolentaha. Hija rrepetiet il-kliem bil-Malti li huwa jghidliha.

Illi mid-depozizzjoni ta' Zeineb Mohammed Yousef jirrizulta li darba fil-ghaxija meta x-xhud kellha disa' xhur tqala, hija kienet sejra lura id-dar meta rat lill-imputat wieqaf hdejn il-karozza l-hadra; meta huwa raha hareg "a long gun". Malli kif rat hekk hija telqghet tigri u bdiet twerzaq; hekk kif kienet qeghda tigri semghat hoss ta' tir. Hija tghid ukoll li rat lill-imputat diversi drabi jimbotta u jiggieled ma persuni ohra li jghixu l-Open Centre.

Illi minn depozizzjonijiet ohra jirrizulta li l-imputat m'ghandux licenzja ghas-sewqan u li m'ghandux licenzja biex izomm u igorr armi tan-nar. Jirrizulta ukoll li l-vettura ta' tip Volvo b'numru ta' registrazzjoni HAA 416 hija registrata f'isem l-imputat; pero mid-depozizzjoni ta' Stephen Cachia ma jirrizultax jekk din il-vettura kelliex licenzja valida fit-2 ta' Settembru 2008 jew jekk kenitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni f'dan il-perjodu.

Illi minn dawn id-depozizzjonijiet kif ukoll mill-provi kollha prodotti u li hemm referenza ghalihom aktar 'l fuq jirrizulta ampjament li l-imputat gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b'taghli mgieba tieghu ser jikkaguna lil haddiehor biza. It-tlettax il-imputazzjoni hija ghalhekk sodisfacjentment pruvata.

Illi l-erbatax il-imputazzjoni tirreferi ghal theddied fil-konfront ta' Miriam Ahmed Ali b'arma tan-nar. Pero mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat lil Miriam Ahmed Ali m'heddidiex b'arma tan-nar. Lil din il-persuna huwa heddieha li ser jahraqa bil-petrol, fil-waqt li qabad u spara arma tan-nar fil-prezenza ta' Zeineb Mohammed Yousef. Ghalhekk din l-imputazzjoni kif impostata ma tirizultax.

Illi lanqas ma tirrizulta l-hmistax il-imputazzjoni. Mill-mod kif inhi impostata din l-imputazzjoni jidher li l-prosekuzzjoni qed tirreferi ghar-reat ipotazzat f'l-artikolu 5(1) tal-Kap 480. Biex jirrizulta dan ir-reat irid jigi stabbilit li l-arma u/jew il-munizzjon li kellu fil-pussess tieghu l-

imputat jiffurmaw parti mill-elenku ta’ armi u munizzjon li hemm fit-tieni skeda ta’l-imsemmi Kap 480. L-unika prova li ghandha din il-Qorti hija li l-imputat kellu f’idejh “a long gun”. Din mhiex prova sufficjenti u sal-grad rikjest mill-Ligi biex jinghad li jissussisti dan ir-reat.

Illi t-tnax, is-sittax u s-sbatax il-imputazzjoni jirreferu ghal sewqan da parti ta’l-imputat.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tnax il-imputazzjoni jirrizulta mill-atti li kien hemm okkazzjoni meta l-imputat saq ghal fuq Nimo Aden Ali li limkien mat-tarbija taghha (li kienet f’walker) kienet qeghda hdejn il-bieb tad-dar fejn toqghod. Dan l-incident sehh kwazi immedjatament wara li l-imputat kien qal lil din il-persuna biex titlaq minn hemm.

Illi meta persuna ssuq vettura b’velocita fid-direzzjoni ta’ persuna li tkun wieqfa l-konsegwenza prevedibbli ta’ dan l-agir hija li dik il-persuna ser tintlaqat u li ser tkorri b’mod gravi jekk mhux fatali. Ghalhekk meta persuna intenzjonalment issuq vettura b’dan il-mod jistghu jirrikorru l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ipotizzat taht l-artikoli 216 jew 218 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta’ Malta cioe l-offieza volontarja jew it-tentattiv ta’ dan ir-reat.

Illi pero l-Qorti mhiex konvinta li l-intenzjoni ta’l-imputat kienet li jikkawza offiezi gravi fuq il-persuna ta’ Nimo Aden Ali jew it-tarbija taghha; ghalkemm l-agir ta’ l-imputat huwa definittivament censurabbli pero l-Qorti hija konvinta li l-agir ta’l-imputat kien intenzjonat li jikkaguna biza’ f’Nimo Aden Ali u dan partikolarment meta tqis li skond id-depozizzjoni ta’ Rahama Mohammed Ali l-imputat dawwar meta wasal vicin ta’ Nimo Aden Ali. Fil-fatt dan l-incident huwa wiehed mill-hafna li wasslu ghas-sejbin ta’ htija tat-tlettax il-imputazzjoni. Ghalhekk il-Qorti ma tikkunsidrax pruvata it-tnax il-imputazzjoni.

Illi pero sewqan ta’ dan it-tip huwa bla dubbju sewqan perikoluz konsegwentement tirrizulta pruvata s-sittax il-imputazzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li minkejja li l-imputat m’ghandux licenzja ghas-sewqan huwa ghadu jsuq il-vetturi tieghu inkluz il-Volvo b’numru ta’ registrazzjoni HAA 416.

Illi pero, u ai fini tas-sbatax il-imputazzjoni, mill-atti ma jirrizultax li din il-vettura ma kenitx licenzjata u li ma kenitx koperta b’polza. Fic-cirkostanzi l-Qorti bil-fors trid tassumi li l-vettura kienet licenzjata u li kienet koperta b’polza. In oltre *fejn jidher prima facie li l-vettura li tkun involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq, u allura bis-sistema amministrattiva prevalenti llum necessarjament koperta b’polza ta’ assikurazzjoni, … jibqa dejjem jinkombi fuq l-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz ta’ driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti*[17].

Illi ghalhekk din is-sbatax il-imputazzjoni tirrizulta biss inkwantu tirreferi ghal sewqan minghajr licenzja.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’l-imputat hi li huwa recidiv. Il-prosekuzzjoni pero naqset li tipprezenta kopja tas-sentenzi relattivi. Kif gie ritenut mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali:
*l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal din in kwistjoni hi li tigi esebieta kopja ufficjali tas-senenza relattiva, u wara ssir il-prova ta’l-identita ... jekk ma tigix esebieta jew prodotta tali prova permezz ta’kopja ufficjali tas-sentenza … allura wiehed ma jistx jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament (l-imputat) kienx ikkommeta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati*[18].
Konsegwentement din l-ahhar imputazzjoni ma gietx pruvata.

Illi in konkluzjoni l-Qorti hija tal-fehma li ma japplikax l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan tenut kont tal-fatt li l-imputazzjonijiet li taghhom qed jinstab hati l-imputat huma bazati fuq agir u incidenti separati u li jiksru diversi dispozizzjonijiet tal-Ligi.

[17] Ref Pulizija vs Oliver Camilleri Appell Kriminali deciz 09.08.07 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[18] Ref Pulizija vs Paul Abela et deciza 10.09.2004.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-fedina penali tieghu li minnha jirrizultaw ghad kbir ta' kundanni u li ta uhud minnhom l-imputat skonta piena karcerarja. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li minkejja z-zmien li l-imputat diga ghamel inkarcerat wara d-diversi sentenzi li diga nghataw fil-konfront tieghu baqa ma rriabilitax ruhu, anzi qed jippersisti b'mod determinat f'agir kriminuz.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak predispost f'l-artikolu 17(b) tal-Kap 9.

Gahl dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' tielet, ir-raba, il-hames, it-tnax, l-erbatax, il-hmistax u s-sbatax il-imputazzjoni in kwantu qed tireferi ghal sewqan ta' vettura mhux licenzjata u minghajr kopertura ta' assikurazzjoni hekk kif mhiex qed isibu hati li huwa recidiv u tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 91, 95, 96, 209, 216, 251B, 325(1)(b), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni in kwantu ikkawza hsara volontarja li ma tecediex €1164.69, it-tieni, is-sitt, is-sebgha, it-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax, it-tlettax, is-sittax u s-sbatax il-imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan minghajr licenza u taghhom tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunerija. In oltre u ghal kull buon fini l-imputat qed jerga jigi sospiez milli jkollu kwalunkwe tip ta' licenzja tas-sewqan.

In konkluzzjoni l-Qorti b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurtà ta' PS1602 Marco Mifsud, PC589 Etienne Grima, Anuska Borg Falzon, Rahama Mohammed Ali, Miriam Ahmend Ali, Nimo Aden Ali, u Zeineb Mohammed Yousef qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena, li tibda tiddekkorri minn meta jiskonta l-piena karcerarja, li ma jimmolestax jew idejjaq lill-imsemmija persuni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------